

(3) Ir-Renju tad-Danimarka u Nickel Institute għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 44, 21.02.2009.

**Digriet tal-Qorti Ġeneralis tas-7 ta' Settembru 2010 — Etimine u Etiproducts vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-539/08) (<sup>1</sup>)

(“Rikors għal annullament — Ambjent u protezzjoni tas-saħħha umana — Klassifikazzjoni, imballaġġ u tikkettar ta’ ċerti borati bħala sustanzi perikolużi — Direttiva 2008/58/KE — Direttiva 67/548/KEE — Regolament (KE) Nru 790/2009 — Regolament (KE) Nru 1272/2008 — Adattazzjoni tat-talbiet — Applikazzjoni ratione temporis tar-rabba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE — Nuqqas ta’ interess individwali — Inammissibbiltà”)

(2010/C 301/50)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Etimine SA (Bettembourg, il-Lussemburgo); u AB Etiproducts Oy (Espoo, il-Findlandja) (rappreżentanti: C. Mereu u K. Van Maldegem, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Oliver u D. Kukovec, aġenti)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Borax Europe Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: K. Nordlander, avukat, u S. Kinsella, solicitor)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentant: B. Weis Fogh, aġent)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parżjali, minn naħa, tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/58/KE, tal-21 ta' Awwissu 2008, li temenda, bil-għan li tadatta għall-progress tekniku, għat-30 darba d-Direttiva tal-Kunsill Nru 67/548/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjoni jiet amministrattivi rigward il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittekkjettar tas-sustanzi perikolużi (ĠU L 246, p. 1), u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 790/2009, tal-10 ta' Awwissu 2009, li jemenda, għall-finijiet tal-addattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlit (ĠU L 235, p. 1), sa fejn dawn l-atti jemendaw il-klassifikazzjoni ta’ ċerti borati.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

(2) Etimine SA u AB Etiproducts Oy għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(3) Ir-Renju tad-Danimarka u Borax Europe Ltd għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 44, 21.02.2009.

**Digriet tal-Qorti Ġeneralis tad-9 ta' Settembru 2010 — Phoenix-Reisen u DRV vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-120/09) (<sup>1</sup>)

(“Għajjnuna mill-Istat — Sussidju previst mil-leġiżlazzjoni ġermaniżza għall-impriżi f’sitwazzjoni ta’ insolvenza — Ilment minħabba allegat ksur tad-dritt Komunitarju — Ċaħda tal-ilment — Adozżjoni ta’ deċiżjoni sussegwenti — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2010/C 301/51)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Phoenix-Reisen GmbH (Bonn, il-Ġermanija); u Deutscher Reiseverband eV (DRV) (Berlin, il-Ġermanija) (rappreżentanti: R. Gerharz u A. Funke, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn u B. Martenczuk, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: J. Möller u B. Klein, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tal-ittra tal-Kummissjoni tat-13 ta' Frar 2009 li permezz tagħha indikat l-intenzjoni tagħha li ma tiħux azzjoni fil-konfront ta’ allegata għajjnuna mill-Istat mogħiġha permezz tal-ħlas ta’ kumpens għal insolvenza mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

**Dispożittiv**

- (1) Ma għadix hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- (2) Ma għadix hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba sabiex din il-kawża tingħaqad mal-Kawża T-58/10 magħmulu mir-rikorrenti.
- (3) Kull parti għandha tħalli l-ispejjeż rispettivi tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 297, 05.12.2009.